# Għandha Titnaqqas l-Arroganza tal-Poter

Bħala Dekan tal-Fakultà ta' l-Arti fl-Università, infakkar li taħt l-aħħar Amministrazzjoni Laburista, il-Fakultà ta' l-Arti twaqqfet tiffunzjona. Żewġ raġunijiet li ssemmew kienu:

a. li ħafna mill-korsijiet ma kinux rilevanti għall-iżvilupp ekonomiku tan-nazzjon,

b. li dawn il-korsijiet kienu jikkompetu ma' Fakultajiet oħra – liema kompetizzjoni ma kienx hemm bżonnha.

Nittama li kif nirfsu l-għatba tas-seklu wieħed u għoxrin dawn l-argumenti ma jerġgħux jissemmew. Il-Fakultà għandha x'toffri u jeħtieġ tgħin u tistinka biex tipprovdi tagħlim u riċerka aġġornata fl-oqsma ta' l-Istorja, il-Lingwi u x-Xjenzi Soċjali li huma kollha marbutin ma' l-iżvilupp tan-nazzjon.

Barra hekk, irrid nara li barra li nsaħħu l-*holdings* tradizzjonali tal-Librerija, ninvestu serjament biex insibu mezz effiċjenti rħis biżżejjed biex membri ta' l-istaff kif ukoll studenti jużaw opportunitajiet li jeżistu bil-konfluwenza tal-*microelectronics* u telekomunikazzjoni billi nidħlu fi xbieki – spazji *Cyber* u *Internetting.*

Bħala kittieb nixtieq nara s-sit okkupat minn parkeġġ ta' żdingar bħalissa jitħalla jitmattar fuq ir-rovina tat-Teatru Rjal utilizzat billi kemm jista' jkun malajr jinbena Ċentru ta' attivitajiet kulturali miftuħ b'xejn għall-pubbliku in ġenerali u għaqdiet kulturali li regolarment jorganizzaw taħdit, seminars, u juru films marbutin kemm ma' wirt kulturali Malti kif ukoll barrani. Gvern

---



DANIEL MASSA huwa l-Kap tad-Dipartiment ta' l-Ingliż u Dekan tal-Fakultà ta' l-Arti ta' l-Università ta' Malta. Huwa Poeta u Kritiku u ippubblika x-xogħlijiet tiegħu fi Kwartett, Analiżi '70, Limestone '84 u Xibkatuliss '89. Għandu xogħlijiet kritiċi f'"The Topsail Experiment", *Annals of Science*, "The Writer in Exile", *Commonwealth Writer Overseas*, "Bruno's Ideas in England", *Journal of the History of Ideas, Individual and Community in Commonwealth Literature, Shakespeare's Troilus and Cressida, George Orwell: Myths and Realities, Across Cultures.*

wara Gvern għamel wegħdiet u nieda konkorsi iżda l-pjani baqgħu fuq l-ixkaffa.

Bħala ċittadin nixtieq li nieħdu iżjed bis-serjetà problemi mifruxa ta' abbuż ta' droga bla rażan, sokor u sewqan perikoluż, żverġnar tal-widien, *garigue* u *wilderness* Malti u Għawdxi, u speċjalment l-inkwinament tal-baħar bit-tifwir ta' drenaġġ u inġenji li dellku kull bajja fil-gżira. Liġijiet eżistenti għandhom jissaħħu u jiġu attwati kontra kull min jabbuża.

F'pajjiż demokratiku, waħda mill-isfidi marbuta ma' l-użu effiċjenti ekwu tal-*media*, li għandhom ikunu għodda fl-edukazzjoni taċ-ċittadin: L-Awtorità tax-Xandir għandu jkollha poteri u nies ittrenjati biżżejjed li jinforzaw *standards* u jiżguraw li ma jkunx hemm indħil politiku żbilanċjat.

Għandha titnaqqas l-arroganza tal-poter. Jeħtieġ bis-serjetà ninkuraġġixxu kollaborazzjoni bejn il-Partiti politiċi. Għallinqas xi problemi li qed jifnu l-pajjiż jiġu ttrattati b'mod apartiġjan. Irridu nfittxu nsibu metodi oħra ta' *management* biex innaqqsu l-konfrontazzjoni *ħalja* u ninkoraġixxu kollaborazzjoni siewja *mhux biss* billi nibagħtu delegazzjoni parlamentari mħallta f'fora internazzjonali. F'xi oqsma, jista' jkun hemm Ministru minnaħa tal-Gvern u 'Segretarju Parlamentari' (jew nomenklatura oħra iżda b'poteri eżekuttivi) li jidraw jaħdmu flimkien għall-ġid tan-nazzjon.